# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NUMRU 2532

**Kaz Numru: 3179/GV**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Olga Polak (0052967A)**

**u**

**United Car Rental and Leasing Ltd (C35295)**

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

**Chairman: Dr. Geoffrey Vella B.A. LL.D**

Illum 22 ta' Mejju, 2018

## Introduzzjoni

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrijali, kif diversament ippresedut, permezz ta' rikors ipprezentat mill-Avukat Andrew Borg-Cardona ghan-nom tar-rikorrenti, Olga Polak, fir-Registru Superjuri, fl-20 ta' Novembru, 2013. Illi r-rikorrenti qieghda ssostni li t-tkeccija taghha ma kinitx ghal raguni tajba u sufficenti skont il-ligi.

Illi mill-banda l-ohra s-socejta` ntimata, United Car Rental and Leasing Ltd, sostniet li t-tkeccija tar-rikorrenti saret ghal raguni tajba u sufficenti skont il-ligi.

It-Tribunal, ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz u dan kif gie lilu pprezenatat mill-partijiet kontendenti. Illi t-Tribunal zamm tnax-il (12) seduta b'kollox fejn instemghu x-xhieda mressqa miz-zewg partijiet, u, in oltre, l-istess Tribunal evalwa l-provi mressqa quddiemu flimkien mad-dokumenti pprezentati.

Di piu, saret trattazzjoni miz-zewg abbli difensuri tal-partijiet, u ta' dan, l-istess Tribunal ha in konsiderazzjoni l-istess argumenti kif ipprezentati fit-trattazzjoni finali tal-istess difensuri. In oltre, ma kienx possibbli li dan it-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fi zmien xahar kif stipulat fil-ligi u dan stante l-limitazzjnijiet ta' facilitajiet amministrattivi, bdil fic-Chairperson u kif ukoll minhabba d-diversi talbiet ta' differimenti mitluba mill-partijiet.

Illi, kif gia sar accenn aktar 'l fuq, r-rikorrenti kienet rapprezentata mill-Avukat Andrew Borg-Cardona, mentri s-socjeta` ntimata kienet rapprezentata mill-Avukat Matthew Brincat.

## Il-Fatti fil-Qosor tal-Kaz in dezamina

Illi r-rikorrenti bdiet l-impieg taghha mas-Socjeta` ntimata fit-22 ta' Frar, 2010, bhala skrivana, u fl-ewwel ta' Marzu 2012, l-istess rikorrenti giet promossa ghall-kariga ta' *Supervisor.*

Illi r-rikorrenti kellha problema ta' natura medika u ghal din ir-raguni r-rikorrenti kellha bzonn li tiehu trattament barra minn Malta. In oltre, r-rikorrenti pprezentat certifikati medici lid-dirigenti tas-Socjeta` ntimata dwar dak li hija kienet qieghda ssostni.

Illi mill-banda l-ohra d-dirigenti tas-Socjeta` ntimata riedu jkunu jafu specifikament x'tip ta' trattament mediku kienet se tiehu r-rikorrenti barra minn Malta u dan stante l-fatt li c-certifikati pperezentati mir-rikorrenti ma kienux jaghtu nformazzjoni dwar it-tip ta' trattament mediku li kienet se tiehu r-rikorrenti.

Illi s-socjeta` ntimata ma riditx tawtorizza l-perjodu ta' bejn l-erbgha (4) ta' Settembru, 2013, u l-hamsa u ghoxrin (25) ta' Settembru, 2013, sabiex ir-rikorrenti tkun tista' tiehu dan il-*leave* u tkun tista' tassentha ruhha mix-xoghol sabiex tmur ghat-trattament mediku barra minn Malta. Illi s-socjeta` ntimata argumentat li f'dak il-perjodu jkun perjodu mpenjattiv hafna ghas-socjeta` ntimata u dan minhabba l-volum tax-xoghol li jkollha l-istess socjeta` ntimata.

Illi fl-imsemmi perjodu (4 u 25 ta' Settembru, 2013) r-rikorrenti marret ghal dan it-trattament mediku barra minn Malta, ossia fil-Germanja. Illi in oltre, wara d-data tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Settembru, 2013, ir-rikorrenti, permezz ta' telefonata mill-partner taghha, nfurmat lis-Socjeta` ntimata li hi kienet ghadha mhux tajba sabiex tidhol xoghol u kellha bzonn tlett (3) gimghat ohra qabel ma tkun tista' tirritorna ghax-xoghol.

Illi wara din l-informazzjoni moghtija mir-rikorrenti, s-Socjeta' ntimata permezz ta' ittra, datata 4 ta' Settembru, 2013, itterminat l-impieg tar-rikorrenti ghal ragunijiet dixxiplinarji.

## Xhieda Prodotti f'din il-Kwistjoni ta' Xoghol

Illi l-ewwel xhud f'din il-kwistjoni kienet l-Administration Manager, Ms. Beate Martin, fejn spejgat li s-Socjeta` ntimata toffri servizz ta' kiri ta' vetturi u ghandha flotta ta' madwar tlett elef vettura. In oltre l-kiri ta' dawn il-vetturi jsir fil-Germanja u mhux Malta[1].

Ix-xhud kompliet tixhed li r-rikorrenti kienet tokkupa l-kariga ta' *Supervisor* fid-dipartiment ta' manutenzjoni. Ix-xhud spjegat li l-kwistjoni kollha bdiet meta hija rritornat mill-vaganzi taghha mill-Germanja u r-rikorrenti pprezentatilha ittra, ossia certifikat mediku, fejn kien jghid li kienet se tkun imsiefra bejn tlieta u erba' gimghat , mill-erbgha (4) ta' Settembru sal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Settembru[2].

[1]Xhieda ta' Beate Martin seduta 7 ta' April 2014.
[2] Dok UCR 1. Certifikat mediku Dr. Kenneth Vassallo MD MMCFD MRCGP (INT) Med Reg 2965, liema, Dok UCR1 jikkonsiti f' sett ta' tlett (3) certifikati medici, tnejn ta' Dr. Kenneth Vassallo u iehor ta' Mr Johann Craus.

Ix-xhud kompliet billi spjegat li r-rikorrenti ma riditx tghidilha ghaliex kienet se ssiefer u li jekk ma jkunx approvat dan il-leave hija kienet se taghti t-terminazzjoni mill-kumpanija. Ix-xhud spjegat ukoll li r-rikorrenti kienet qieghda tharreg persuna ohra u li jkun ahjar jekk titlaq ghall-ahhar ta' Ottubru. Ix-xhud kompliet tispjega li kien gie suggerit lill-Appellanta sabiex tibqa' tahdem sal-ahhar t'Ottubru u wara tmur ghal dak li kellha bzonn fil-Germanja. Cio nonostante, r-rikorrenti ma accettatx u sahqet li kellha kollox organizzat u li jekk is-socjeta` ma tikkonfermax il-*leave* taghha, r-rikorrenti kienet lesta li tirrizenja u titlaq mis-socjeta` [3].

Ix-xhud, Beate Martin, kompliet billi semmiet li meta missier ir-rikorrenti kien marid xi xhur qabel, is-Socjeta` ntimata ma sabet ebda diffikolta` sabiex r-rikorrenti tmur hdejn missierha. Beate Martin ma setghetx tifhem ghaliex din id-darba r-rikorrenti kienet qieghda kull darba tinvoka d-*data protection* meta hi nsistiet maghha sabiex tkun taf ghaliex riedet issiefer f'dak il-perjodu partikolari.

Ix-xhud kompliet tispjega li r-rikorrenti xorta siefret fil-perjodu in kwistjoni u li meta rritornat kien cempel il-patrner taghha fejn informa lis-socjeta` ntimata li Olga Polak kellha bzonn tlett gimghat ohra stante li kienet ghadha mhux sew minn sahhitha.

Ix-xhud semmiet kif xoghol ir-rikorrenti kellu jinqasam bejn il-kollegi l-ohra u dan stante, "*…because especially at this time our cars are for six months rented out it means every six months cars coming in coming out and in July and August, September is a high it is a prime time in our company*"[4].

Ms. Martin ghalqet ix-xhieda taghha billi semmiet kif ittiehdet id-decizjoni li jintemm l-impieg tar-rikorrenti, liema decizjoni giet diskussa mall-principal taghha. In oltre, x-xhud spjegat li r-rikorrenti kienet regghet marret l-ufficcju taghhom meta rciviet l-ittra ta' terminazzjoni u li dan kien ghal bidu t'Ottubru. In oltre x-xhud tirreferi ghall-istanti meta hija nsistiet maghha sabiex tkun taf ir-raguni li r-rikorrenti riedet tmur ghal dan it-trattament fil-Germanja u r-rikorrenti invokat d-*data protection* u dan skont kif kienu ssuggerewlha mill-E.T.C. Di piu, Beate Martin taghmel referenza ghall-*email* li r-rikorrenti rciviet mill-istess E.T.C.

Fl-istess seduta xehdet ukoll Ms. Silvia Catania li spjegat is-sitwazzjoni li nholqot fil-kumpanija meta r-rikorrenti marret ghat-trattamnet fil-Germanja u kif xogholha kellu jitqassam bejn il-kollegi tal-ufficcju. In oltre, din ix-xhud ghamlet referenza ghall-fatt li kull darba li r-rikorrenti tkun ma tiflahx, kien icempel il-partner taghha u dan hi tafu peress li mhux l-ewwel darba li wiegbet it-telefon hi stess. Ms. Catania xehdet li meta cempel il-partner tar-rikorrenti, u cioe` wara li l-istess rikorrenti kienet irritornat mill-Germanja, sabiex jinfurmahom li Olga Polak kienet ghadha mhux tajba ghax-xoghol, kienet hi li hadet it-telefonata u wara ghaddiet din it-telefonata lil Beate Martin.[5]

---

[3]Xhieda ta' Beate Martin seduta, 7 ta' April 2014.
[4]Ibid.
[5]Xhieda ta' Ms. Silvia Catania, seduta 7 ta' April 2014.

Xehed ukoll il-Managing Director Peter Russman fejn spejga li fl-erbgha ta' Settembru kien gie nfurmat minn Beate Martin li Olga Polak ma kinitx irrappurtat ghax-xoghol. Kien ukoll infurmat li Olga kellha xi problemi medici u li kellha tkun assenti mix-xoghol sal-hamsa u ghoxrin ta' Settembru u li skont dan ix-xhud dan ma kienx possibbli minhabba li dak il-perjodu huwa perjodu mpenjattiv hafna ghas-socjeta' ntimata. In oltre dan ix-xhud sostna li kienu offrew lir-rikorrenti sabiex tmur ghal dan it-trattament mediku ghal habta ta' nofs Ottubru[6].

Dan ix-xhud spjega kif Beate Martin kienet infurmatu dwar ic-certifikati li pprezentat ir-rikorrenti dwar il-fatt li kellha bzonn tlett gimghat ghall-trattament mediku barra minn Malta. In oltre, Peter Russmann spjega li fis-26 ta' Settembru Olga Polak ma kinitx se tidhol xoghol peress li kienet ghadha mhux tajba. Dan kollu kien jafu minghand Beate Martin.

Is-Sur Russmann kompla jixhed billi spjega li hu saqsa lil Beate Martin jekk it-tabib Germaniz kienx indika jekk ir-rikorrenti kinitx tajba ghax-xoghol jew le. Kien meta Beate Martin infurmatu li ma kien hemm l-ebda nidikazzjoni jekk ir-rikorrenti kinitx tajba ghax-xoghol jew le, li giet diskussa din il-kwistjoni kollha li ttiehdet id-decizjoni li l-impieg tar-rikorrenti jigi tterminat. Skont ix-xiehda tas-Sur Russmann dan it-tip ta' komportament da parti tar-rikorrenti ma kienx gust fil-konfront tal-impjegati l-ohra. In oltre din id-decizjoni ttiehdet sabiex l-istess impjegati ma jadottawx l-istess komportament li addottat Olga Polak.[7]

In oltre, dan ix-xhud ikkonferma li kien hu li ffirma l-ittra ta' terminazzjoni tal-impieg ta' Olga Polak. Dan ix-xhud kompla jispjega li d-data tal-4 ta' Settembru hija zball u dan ghaliex fil-verita` d-decizjoni ghat-terminazzjoni tal-impieg kienet fis-26 ta' Settembru. Is-Sur Russmann spjega li kien fit-2 t'Ottubru u dan kif jidher mill-bolla postali, ossia id-data meta l-ittra ta' terminazzjoni waslet bil-posta ghand ir-rikorrenti[8].

In oltre dan ix-xhud ta x'jifhem li d-data ta' terminazzjoni kienet bejn it-tmienja u ghoxrin, disgha u ghoxrin jew tletin ta' Settembru. Skont dan ix-xhud kien f'wahda minn dawn id-dati li hu ffirma t-terminazzjoni tal-impieg tar-rikorrenti u dan peress li Ms. Beate Martin kellha tipprepara l-karti, liema karti kellhom jintbaghtu l-Germanja sabiex jiffirmahom Mr. Russmann.

In oltre dan ix-xhud in kontro-ezami spjega li hu qatt ma tkellem ma' Olga Polak dwar is-sitwazzjoni li kienet inholqot. Ix-xhud sostna li lanqas in-numru tat-telefon cellulari tar-rikorrenti ma kellu u lanqas qatt saqsa ghan-numru tat-telfon taghha. In kontro-ezami dan ix-xhud rega' xehed dak li kien xehed qabel u cioe` li r-rikorrenti ma kinitx irrapurtat ghax-xoghol fis-sitta u ghoxrin ta' Settembru. Is-Sur Russmann meta mistoqsi jekk ir-rikorrenti kinitx cemplet sabiex tinforma lis-Socjeta` ntimata li hi kienet ghadha mhux f'kundizzjoni tajba sabiex tidhol ghax-xoghol, hu wiegeb li din kienet cemplet lil Beate Martin dwar is-sitwazzjoni taghha.

---

[6]Xhieda ta' Peter Russman, seduta 16 ta' Gunju 2014.
[7]Xhieda ta' Peter Russman, seduta 16 ta' Gunju 2014.
[8]Ibid.

In oltre dan ix-xhud kompla jixhed billi spjega li hu qatt ma kien a konoxxenza tar-raguni medika li kienet tikkoncerna lil Olga Polak. Peter Russmann zied jixhed billi spjega li hu ma kienx jaf il-ligi Maltija dwar ir-rizorsi umani (*human resources*) u ghalhekk is-Socjeta` ntimata hadet parir minghand CSL u dawn kienu tal-fehma li kif kienet is-sitwazzjoni, s-Socjeta` ntimata setghet tittermina l-impieg tar-rikorrenti.

Ix-xhud kompla billi qal li kien fuq dan il-parir li s-Socjeta` ntimata ddeciedet li tittermina l-impieg tar-rikorrenti.[9]

Is-Sinjura Beate Martin in kontinwazzjoni tax-xhieda taghha spjegat li r-rikorrenti qatt ma ghadditilhom numri tat-tlefon fejn setghu jaghmlu kuntatt maghha. Din ix-xhud ziedet tghid li Olga Polak dejjem irrifjutat li tghaddi n-numri tat-telefon taghha lid-dirigenti tas-Socjeta` ntimata.

In oltre, skont din ix-xhud is-Socjeta` ntimata ghadha sal-lum ma tafx ir-raguni ghaliex Olga Polak riedet titlaq[10].

Ir-rikorrenti, Olga Polak, xehdet fis-seduta tat-tnejn (2) ta' Marzu, 2015. Ir-rikorrenti spjegat in-natura tax-xoghol taghha u kif ukoll kemm kienet ilha mpjegata mas-Socjeta` ntimata, u cioe` mit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar elfejn u ghaxra (2010) sal-erbgha ta' Settembru elfejn u tlettax (2013)[11].

Ir-rikorrenti spjegat il-kwistjoni kollha dwar it-terminazzjoni tal-impieg taghha. Olga Polak bdiet billi ghamlet accenn ghal meta nghatat promozzjoni minn skrivana ghal *supervisor* u dan kien fis-sena elfejn u tnax (2012). Ix-xhud irrakkuntat dwar l-ittra (*sic*) ta' Dr. Johan Kraus li rrakomanda trattament mediku li kellha bzonn tiehu barra minn Malta. Din l-ittra ta' Dr. Kraus inghatat lir-rikorrenti fis-sittax (16) t'Awwissu elfejn u tlettax (2013).

Illi din l-ittra tal-imsemmi tabib kienet tirrakkomanda li r-rikorrenti titla' l-Germanja ghal tlett gimghat minhabba din il-problema medika li hija kellha. Ix-xhud kompliet tispjega li kellha ukoll certifikat mediku iehor minn tabib iehor li kien jindika l-procedura tad-dijanjosi li kellha bzonn.

Ix-xhud qalet li f'dak il-perjodu Ms. Beate Martin kienet tinsab barra minn Malta u ghalhekk kellha tistenna lilha sabiex tinfurmaha. Ms. Martin, skont ir-rikorrenti, kellha tirritorna ghal habta tad-dsatax (19) t'Awwissu, 2013.

Ir-rikorrenti ghaddiet dan ic-certifikat mediku lil Ms. Beate Martin dwar it-tip ta' dijanjosi li kellha bzonn barra minn Malta u certifikat iehor peress li kienet harget bis-*sick leave* fil-gurnata tal-Gimgha. Kien hawn, skont ir-rikorrenti, li Ms. Beate Martin riedet tkun taf x'kellha. Ir-rikorrenti

---

[9]Xhieda ta' Peter Russman, seduta 16 ta' Gunju 2014.
[10]Xhieda ta' Beate Martin, seduta 16 ta' Gunju 2014.
[11]Xhieda ta' Olga Polak, seduta 2 ta' Marzu 2015.

semmiet x'kien gara f'April, 2013, fejn hija kienet tilfet it-tarbija taghha (*silent miscarriage*) u Ms. Martin kienet qaltilha li ahjar hekk milli t-tarbija tkun marida[12].

Ir-rikorrenti fix-xhieda taghha sostniet li ghal din ir-raguni hi ma xtaqitx li tghid lil Ms. Martin x'kienet ir-raguni ta' dan it-trattament li kellha tiehu barra minn Malta. Ir-rikorrenti kompliet tixhed billi qalet li Ms. Martin bdiet tinsisti maghha sabiex tghidilha x'kellha u dan peress li ma setghetx taqra dak li kien miktub fic-certifikat ipprezentat minnha u ghalhekk Ms. Martin insistiet li riedet certifikat dettaljat dwar id-dijanjosi taghha[13].

Ir-rikorrenti kompliet tiddeponi u sostniet li Ms. Martin issuggeritilha sabiex taghmel dan it-trattament hawn Malta peress li jinghata ukoll. Skont ma' dak li xehdet ir-rikorrenti wara li hi tkellmet mat-tabib taghha dwar jekk dan it-trattament jinghatax hawn Malta, it-tabib infurmaha li ma jinghatax dan it-tip ta' trattament f'Malta.

Olga Polak stqarret li hi regghet kellmet li Dr. Vassallo, ossia t-tabib kuranti taghha mentri Dr. Kraus huwa l-ispecialista, sabiex isir certifikat b'aktar dettal tad-dijanjosi peress li riedet tipprezentah lill-principal taghha, izda dan it-tabib fisser lir-rikorrenti li c-certifikati ma jsirux hekk bhala procedura u in oltre din kienet xi haga kunfidenzjali u mhux xi haga li l-principal taghha kellha d-dritt li tkun taf[14].

Ir-rikorrenti kompliet tghid li hi kienet qieghda thossha stressjatha hafna minhabba din il-kwistjoni tac-certifikat mediku dettaljat. Ir-rikorrenti fix-xhieda taghha ssemmi li infurmat lis-Sur David Cauchi, l-Kummissarju ghall-Protezzjoni tad-Data fejn dan informa lir-rikorrenti li jekk il-principal riedet din it-tip ta' nformazzjoni l-istess principal kellha tinkariga tabib hi sabiex jottenji din l-informazzjoni.

Ix-xhud regghet tenniet li Ms. Martin ma riedet bl-ebda mod tirrikonoxxi dawn ic-certifikati tat-tabib Vassallo u dan peress li kienu validi biss ghal Malta u mhux ghal barra minn Malta. In oltre, Ms. Martin riedet li r-rikorrenti tiehu l-leave bla hlas minhabba din ir-raguni tac-certifikati.

Olga Polak kompliet tispjega li saqsiet lil Ms. Martin kif se tibghat dawn ic-certifikati tas-sick leave jekk hux bil-posta jew tibgahthom ma' John, izda hija ma nghatat l-ebda twegiba. Ms. Polak kompliet tixhed u qalet li fl-erbgha t'Ottubru rceviet karta minghand il-gara taghha sabiex tmur tigbor xi posta registrata u meta marret il-posta hija sabet l-ittra ta' terminazjoni mix-xoghol taghha datata 4 ta' Settembru, 2013. Ir-raguni moghtija ghal din it-teminazzjoni kienet a bazi ta' mizuri dixxiplinarji u li r-rikorrenti rciviet fl-erbgha (4) t'Ottubru permezz ta' ittra registrata[15].

Fl-istess seduta r-rikorrenti giet kontro-ezaminata minn Dottor Matthew Brincat rigward dan it-trattment li kien jikkonsisiti f'IVF u jekk Ms. Polak qatt kienet tkellmet mas-superjuri (Beate

[12] Xhieda ta' Olga Polak, seduta 2 ta' Marzu 2015.
[13] Ibid.
[14] Xhieda ta' Olga Polak, seduta 2 ta' Marzu 2015.
[15] Xhieda ta' Olga Polak, seduta 2 ta' Marzu 2015.

Martin) taghha dwar dan it-trattament. Ir-rikorrenti wiegbet li hi kellha d-dokumenti x'turi u li s-superjuri taghha qaltilha li meta ssiefer taghmlu ghal gost tieghek.

Olga Polak sostniet li dan it-trattament kellha taghmlu peress li kellha korriment (*miscarriage*) u r-rizultat minn barra kien devastanti. Polak kienet infurmat lil Beate b'dan it-trattment barra minn Malta u li kellu jiehu madwar tlett (3) gimghat izda ma dahlitx fic-cirkostanzi kollha peress li dawn kienu affarijiet personali taghha u kif ukoll sensittivi hafna.

Fis-seduta tal-11 ta' Mejju, 2015, in kontro-ezami Ms. Beate Martin wiegbet ghad-domandi maghmula mill-Avukat Andrew Borg Cardona. Ms. Martin sostniet li Ms. Polak riedet li tmur barra minn Malta ghal dan it-trattament u dan wara li l-istess rikorrenti kient ipprezentat xi certifikati medici. Ix-xhud regghet ikkonfermat id-dati tal-erbgha u l-hamsa u ghoxrin (25) ta' Settembru, 2013, ossia d-dati li fihom ir-rikorrenti kellha bzonn tmur ghat-trattament barra minn Malta.

Ix-xhud regghet sostniet li r-rikorrenti f'dak il-perjodu kienet qieghda tharreg kollega u li hi (Martin) f'dak il-perjodu kienet ghadha gejja mill-funeral ta' missierha minn barra minn Malta. In oltre, x-xhud wiegbet, fuq domanda tal-Avukat Borg-Cardona, li meta hi nsistiet sabiex Olga Polak tipprezenta certikat mediku b'dijanjosi aktar dettaljata dwar il-probelma taghha, l-istess rikorrenti invokat il-protezzjoni tad-data. Ms. Martin wiegbet li kemm mill-ufficcju tal-protezzjoni dwar id-data u kif ukoll mid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjiegi kienu nfurmawha li hi ma kellha l-ebda dritt li saqsi dwar il-problemi medici jew titlob certifikati medici li jaghtu dettalji dwar id-dijanjosi tal-impjegati.

Di piu, x-xhud cahdet li hi qatt ghaddiet xi rimarki bhal li jkun ahjar jekk titlef it-tarbija milli tigi tarbija bi problemi ta' sahha. Ix-xhud kompliet billi qalet li sakemm Polak giet biex titlaq ghal dan it-trattament ghad ma kien hemm xejn konfermat min-naha tas-Socjeta` ntimata u dan peress li x-xhud riedet tikkonsulta mall-principal taghha, ossia jekk Ms. Polak tkunx tista' tmur. Ix-xhud ikkonfermat li f'dak iz-zmien (Awwissu) li Polak kellha tmur ghat-trattament is-Socjeta` ntimata kienet ipproponiet lil Olga Polak sabiex tmur ghal dan it-trattament f'Ottubru. In oltre, min-naha tar-rikorrenti, skont ix-xhud Beate, din infurmatha li kienet se tmur xorta wahda f'Awwissu. Martin kompliet tispjega li wara li Polak marret ghat-trattment u cioe` f'Awwissu 2013, hi infurmat lill-principal taghha dwar dan kollu[16].

Ghad-domanda tal-Avukat Borg Cardona, li hi (Martin) m'ghandha l-ebda kwalifika fil-medicina, Martin wiegbet li ma ghandhiex u dan peress li Martin kienent baqghet tinsisti ma' Polak sabiex tmur ghat-trattament f'Ottubru. In oltre, x-xhud ikkonfermat li sabiex Olga Polak tmur ghal dan it-trattament riedet il-permess tas-Socjeta` ntimata.

Ms. Beate Martin regghet ikkonfermat li wara li kienu infurmati li Olga Polak kienet se ddum tlett gimghat ohra sabiex tidhol ghax-xoghol u dan wara li Polak kienet irritornat mit-trattament li

[16] Xhieda in kontro-ezami Beate Martin, seduta 11 ta' Mejju 2015.

hadet il-Germanja, Beate sostniet li sid is-socjeta` ntimata, Mr. Russman, kien iddecieda li jittermina l-impieg ta’ Olga Polak[17].

Martin sostniet li Polak qat ma kienet ghadditielhom in-numru tat-telefon cellulari personali taghha u lanqas it-telefon tad-dar. Kien ghalhekk li permezz ta’ ittra registrata datata 5 t’ Ottubru, 2015, mibghuta mis-Socjeta` ntimata, r-rikorrenti Olga Polak saret taf bit-terminazzjoni tal-impieg taghha. In oltre, Martin ikkonfermat li l-propja data ta-terminazjoni kienet l-erbgha (4) ta’ Settembru, 2015, id-data ta’ meta r-rikorrenti marret ghat-trattament taghha.

## Trattazzjoni Finali

It-trattazzjoni finali ta’ dan il-kaz saret fis-seduta tat-Tnejn 16 ta’ Jannar, 2017, u li beda t-trattazzjoni tieghu l-Avukat Andrew Borg Cardona ghar-rikorrenti, Olga Polak. L-avukat difensur tar-rikorrenti rrileva li dan il-kaz huwa kaz fejn il-klijenta tieghu kienet ghaddejja minn fazi fejn kienet qieghda taghmel dak kollu possibbli sabiex issir omm. Illi s-Socjeta` ntimata ma trattatx lir-rikorrenti b’mod u manjiera skont l-obbligu li ghandha versu l-impjegati, specjalment tenut kont tal-fatt ic-cirkostanzi tar-rikorrenti. Ir-rikorrenti, ma nghatat l-ebda dritt li tiddefendi ruhha, jew li taghmel il-posizzjoni taghha maghrufa u kif ukoll li tressaq il-posizzjoni taghha quddiem min jimpjegaha. L-avukat difensur tar-rikorrenti emfasizza dwar is-sekwenza ta’ kif sehhew u zvolgew il-fatti ta’ dan il-kaz. Il-mod li bih Beate Martin trattat lir-rikorrenti meta sahansitra qalet li ahjar li r-rikorrenti tilfet it-tarbija milli t-tarbija giet b’xi difetti. L-avukat difensur sahaq li dawn it-tip ta’ kummenti ma humiex accettabbli f’socjeta` moderna. In oltre, gie rilevat li meta r-rikorrenti ghazlet li tibda tiehu t-trattament tal-I.V.F. barra minn Malta qatt ma giet infurmata li jekk tiehu l-leave ghal dan l-iskop kienet se titlef l-impieg, izda li tiehu leave minghajr hlas.

L-avukat difensur irrileva li meta r-rikorrenti kienet barra ghal dan it-trattament, is-Socjeta` ntimata ddecidiet li tittermina l-impieg tar-rikorrenti. Di piu, gie rilevat li s-Socjeta` ntimata qatt ma nfurmat lir-rikorrenti dwar il-fatt li jekk r-rikorrenti kienet se tmur ghal dan it-trattament l-impieg taghha se jkun ippregudikat. Id-difensur tar-rikorrenti sostna li jekk l-istess Socjeta` ntimata riedet tittermina l-impieg tar-rikorrenti ma setghtex titterminah bil-mod li addottat.

Is-Socjeta` ntimata, skont l-avukat difensur tar-rikorrenti, kellha l-obbligu li tinforma lir-rikorrenti l-impieg taghha kien ippregudikat b’dak li kienet se taghmel l-istess rikorrenti. In oltre, l-istess rikorrenti kienet infurmat lis-Socjeta` ntimata minn qabel u kienet ipprezentat certifikati medici. L-avukat tar-rikorrenti sostna li s-Socjeta` ntimata ma tista’ qatt targumenta li ghax ir-rikorrenti ma dahlitx ghax-xoghol jigi tterminat l-impieg taghha. Il-mod kif giet ittrattata r-rikorrenti zgur li mhux acettabbli tenut kont tac-cirkostanzi li kienet ghaddejja minnhom ir-rikorrenti.

In oltre, s-Socjeta` ntimata nsistiet sabiex tkun taf ir-raguni ghalxiex ir-rikorrenti riedet li tiehu l-leave fil-perjodu in kwistjoni. L-avukat difensur issottometta li dan l-agir huwa bi ksur tad-

[17] Xhieda in kontro-ezami Beate Martin, seduta 11 ta’ Mejju 2015.

drittijiet tar-rikorrenti li huma koperti mill-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data (Kap 440) tal-Ligijiet ta' Malta.

Is-Socjeta` ntimata kienet konxja minn dan kollu, ossia li r-rikorrenti kellha bzonn dan it-trattament barra minn Malta. Illi, skont l-avukat difensur, is-Socjeta` ntimata minghajr ma tat l-ebda opportunita` lir-rikorrenti sabiex taghti r-ragunjiet taghha ddecidiet li tittermina l-impieg taghha meta l-ufficjali taghha kienu jafu bil-fatti kollha. Ghal din ir-raguni, ghalaq id-difensur tar-rikorrenti, s-Socjeta` ntimata ma tista' qatt tghid li tterminat l-impieg tar-rikorrenti b'mod regolari u ghalhekk ghandha thallas kumpens lir-rikorrent.

Fl-istess seduta kompla jittratta ghas-Socjeta` ntimata, l-Avukat Matthew Brincat, fejn beda biex semma' l-principju li fit-text Ingliz jissejjah, *reasonable care*. Il-kaz kollu, skont l-avukat tas-Socjeta` ntimata, jirrevolvi fuq il-fatt jekk ir-rikorrenti bhala mpjegata agixxietx b'mod li kull impjegat jew impjegata kellu/kellha jagixxi/tagixxi u jekk min ihaddem, ossia s-Socjeta` ntimata, agixxietx bil-mod li kellu jagixxi kull min ihaddem.

L-avukat tas-Socjeta` ntimata spjega kif kienet bdiet l-impjieg taghha r-rikorrenti u cioe` fit-tnejn u ghoxrin ta' Frar, 2010, sa Settembru/Ottubru 2013 u kif ukoll li minn skrivana r-rikorrenti kienet promossa ghal *Supervisor*. Id-difensur tas-Socejta` ntimata ssottometta li r-rikorrenti fis-sitta u ghoxrin t'Awwissu, 2013, tinforma lis-superjuri taghha li kellha bzonn tmur barra minn Malta ghal trattament mediku minghjar ma tat l-ebda spjegazzjoni dwar dan it-trattament. Mill-banda l-ohra s-superjuri taghha ma kinux jaqblu li r-rikorrenti tmur fil-perjodu msemmi stante li kien fil-perjodu fejn ix-xoghol tas-Socjeta` ntimata ikun fl-aqwa tieghu (*peak season*). In oltre, kien hemm persuna li giet impjegata mas-Socjeta` ntimata li kienet qieghda tiharreg mill-istess rikorrenti.

Id-difensur tas-Socjeta` ntimata emfassiza li kull ma s-Socjeta` ntimata riedet mir-rikorrenti kien li tipposponi dan it-trattament bi ftit xhur biss. In oltre, rega' sostna l-avukat tas-Socejta` ntimata, r-rikorrenti qatt ma tat l-ebda hjiel dwar dak li kienet ghaddejja minnu. L-avukat difensur kompla billi spjega kif wara li giet lura minn dan it-trattament minn barra, fil-hamsa u ghoxrin ta' Settembru, 2013, r-rikorrenti permezz tal-partner taghha infurmat lis-Socjeta` ntimata li kellha bzonn tlett gimghat sakemm terga' tidhol ix-xoghol.  L-avukat difensur gahmel accenn ghall-fatt li l-H.R Manager, Beate Martin kellha n-numri tal-telefon cellulari kollha tal-impjegati barra tar-rikorrenti u dan peress li l-istess rikorrenti, kif gia sar accenn aktar 'l fuq, dejjem irrifjutat li tghaddi n-numru taghha.

Id-difensur tas-Socjeta` ntimata semma' li t-terminazzjoni tar-rikorrenti ttiehdet minhabba l-attitudni taghha u mhux minhabba l-problema ta' natura medika li kellha r-rikorrenti. Impjegat ma jistax jiddetta hu/hi lil min ihaddmu izda mpjegat ghandu d-dover li jinteressa ruhu mill-impieg tieghu. L-avukat tas-Socjeta` ntimata ghalaq it-trattazzjoni billi ssottometta li t-terminazzjoni tar-rikorrenti nghatat ghal raguni xierqa (good and sufficient cause).

L-avukat tar-rikorrenti, rribatta billi accenna ghad-data tat-terminazzjoni tal-impieg, ossia, l-erbgha ta’ Settembru, 2013. Id-difensur tar-rikorrenti sostna li s-Socjeta` kienet gia ddecidiet li tittermina l-impieg f’dik id-data (4/09/2013).

In kontro replika, l-avukat tas-Socjeta` ntimata, ghamel refernza ghad-data li hemm fuq il-bolla tal-ittra ta’ terminazzjoni u li tirrizulta fit-tnejn t’Ottubru, 2013, u li d-data tal-erbgha ta’ Settembru kienet biss zball.

**Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal Industrijali**

It-Tribunal wara li ra d-dokumentazzjoni kollha tal-kaz in dezamina, ra ukoll ix-xhieda mressqa kemm tal-partijiet u kemm tax-xhieda minnhom imressqa u kif ukoll ra t-trattazjonijiet tad-difensuri tal-partijiet, jibda biex jinnota li dan il-kaz jaf il-bidu ta’ din il-kwistjoni meta r-rikorrenti, Olga Polak kienet applikat ghal tlett gimghat leave sabiex tiehu trattament mediku barra minn Malta. Illi l-istess rikorrenti kienet ilha impjegata mas-Socjeta` ntimata mit-tnejn ghoxrin ta’ Frar, 2010, bhala skrivana u fl-ewwel ta’ Marzu, 2012, inghatat promozzjoni ghal kariga ta’ *Supervisor*.

Meta l-istess rikorrenti kienet ipprezentat certifikat mediku mahrug minn Dr. Johann Craus lis-Socjeta` ntimata u li kien jindika li kellha bzonn trattament mediku barra minn Malta ghal tlett gimghat minghajr ma dan l-imsemmi certifikat mediku jispecifika x’ tip ta’ trattament mediku kellha bzonn ir-rikorrenti.

In oltre, l-istess rikorrenti kienet ukoll ghamet xi dijanjosi ohra ma’ Mr. Mattocks li ukoll giet ipprezentata lis-Socejta` ntimata, precizament lil Ms. Beate Martin. L-imsemmija Ms. Martin bdiet tinsisti mar-rikorrenti sabiex tkun taf x’kienet il-problema medika li kellha. Hawnhekk ir-rikorrenti invokat id-dritt taghha tal-privatezza taghha skont Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data (Kap 440) u dan peress li kienet hadet parir minghand ufficjal fi hdan l-ufficcju tal-Kummissarju tad-Data.

It-Tribunal ikompli jinnota ukoll li Ms. Martin kienet ghaddiet xi rimarki lill-istess rikorrenti u li ma kienu nizlu xejn sew mar-rikorrenti, Ms. Olga Polak u dan peress li l-istess Polak kienet ghaddiet minn korriment (*miscarriage*). Ir-rimarki li ghaddiet Ms. Beate Martin kienu fis-sens li jkun ahjar jekk titlef it-tarbija milli titwieled tarbija bi problemi.

In oltre jigi wkoll ikkunsidrat il-fatt li r-rikorrenti kienet ghaddejja minn perjodu sensittiv hafna f’dak il-perjodu u dan stante l-fatt li hija kellha x-xewqa li ssir omm.

Illi in oltre, l-agir ta’ Ms. Beate Martin beda jkompli johloq sitwazzjoni teza lill-istess rikorrenti specjalment meta Beate Martin bdiet tinsisti mar-rikorrenti li din kellha tipprezenta certifikati medici li jispecifikaw x’ kienet il-probelma medika li kienet ghaddejja minnha r-rikorrenti Polak. It-Tribunal jaghmel referenza ghal bran tal-awtur Norman Selwyn dwar id-dritt ta’ privatezza tal-impjegat. L-imsemmi awtur josserva li;

*"There are many occasions during a contract of employment when an employer will be monitoring the employee's performance, as a mater of routine. The problem arises when such actions become intrusive into an employee's private life"[18].*

Illi di piu, l-istess awtur, Norman Selwyn jaghmel referenza ghall-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fejn hemm stipulat fl-imsemmi artikolu li;

a) *Everyone has the right to respect for his private and family life, his home and his correspondence[19].*

Illi l-agir tad-dirigenta tas-Socjeta` ntimata, Beate Martin kien intruziv fil-konfront ta' Olga Polak u kif ukoll holoq pressjoni zejda fuq ir-rikorrenti. L-imsemmija Martin kienet insensittiva f'dan ir-rigward tenut kont tal-fatt li baqghet tinsisti sabiex Polak tipprezenta cetifikati medici li kienu jispecifikaw il-kondizzjoni medika tar-rikorrenti.

It-Tribunal jikkunsidra ukoll il-fatt li meta l-istess rikorrenti kienet ghat-trattament barra minn Malta s-Socjeta` ntimata ddeciedet li ttemm l-impieg tar-rikorrenti. In oltre, t-Tribunal huwa tal-fehma li d-decizjoni li jintemm l-impieg tar-rikorrenti kienet ittiehdet mis-Socjeta` ntimata propju dakinhar li r-rikorrenti marret ghat-trattament barra minn Malta, ossia fl-4 ta' Settembru, 2013, ghalkemm ir-rikorrenti irceviet l-ittra fl-4 t'Ottubru, 2013. It-Tribunal iqis din it-terminazzjoni ngusta versu r-rikorrenti.

Illi l-metodu adoperat mis-Socjeta` ntimata ma jistax jitqies li kien metodu gust kif ghandu jigi trattat impjegat specjalment tenut kont il-fatti speci ta' dan il-kaz.

Illi wara li t-Tribunal ra l-atti kollha ta' dan il-kaz, t-Tribunal jiddeciedi li t-tkeccija ta' Olga Polak ma kinitx ghal raguni tajba u sufficenti.

## Kumpens

Illi bhala kumpens it-Tribunal qieghed jordna lis-Socjeta` ntimata sabiex thallas kumpens fl-ammont ta' tmint elef Ewro (€8,000) lir-rikorrenti Olga Polak, liema somma ghandha tithallas fi zmien xahar mid-data tad-decizjoni odjerna.

Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal qieghed jistabilixxi d-drittijiet tar-rapprezentanti legali tal-partijiet fl-ammont ta' €93.17c ghal kull rapprezentant legali.

---

[18] Astra Emir, Selwyn's Law of Employment, 19th Edition (2016), (Oxford University Press) pagna 289.
[19] Ibid.

B’hekk tintemm din il-kwistjoni ta’ xoghol.

(Iffirmat)
Dr. Geoffrey Vella
Chairman

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**